

It-Tnedija ta' Materjal Psikoedukattiv dwar it-Tbatija Psikoloġika għall-Ġenituri u t-Tfal

Struzzjonijiet għall-Uffiċjali tal-Ewwel Linja
Li Jaħdmu fl-Akkoljenza



Dwar I-istruzzjonijiet

X'inhuma jaqbdun dawn I-istruzzjonijiet?

L-istruzzjonijiet jakkumpanjaw sett ta' għodod ta' awtoassistenza żviluppata mill-EUAA bħala parti minn pakkett ta' gwida dwar is-**saħħa mentali u l-benesseri tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali**.

L-għodod ta' awtoassistenza jistgħu jintużaw mill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali b'mod indipendenti, dment li jkunu litterati u ma jridux jew ma jeħtiġux gwida mill-uffiċjali li jaħdmu fil-post fejn jgħixu.

Dawn I-istruzzjonijiet jirreferu għall-kotba żgħar:

- [Kif nista' nappoġġa lit-tfal tiegħi fi żminijiet diffiċli?](#)
– Għodda ta' awtoassistenza għall-ġenituri
- [Kif nista' nindirizza sitwazzjonijiet li fihom il-ġenituri tiegħi jidhru mdejġin, inkwetati jew irrabjati?](#)
– Għodda ta' awtoassistenza għat-tfal
- [Kif tittratta sitwazzjonijiet meta l-ħabib jew xi ħadd minn ħuti jkunu mdejġin, irrabjati jew jagħmlu affarijiet perikolużi?](#)
– Għodda ta' awtoassistenza għall-appoġġ bejn il-pari

Għaliex għew żviluppata dawn I-istruzzjonijiet?

Dawn I-istruzzjonijiet jappoġġaw lill-uffiċjali tal-ewwel linja li jaħdmu fl-akkoljenza biex joħolqu sensibilizzazzjoni mal-applikanti ġenituri, tfal u żgħażaġħ dwar kif jappoġġaw lill-membri tal-familja u lill-pari matul żminijiet diffiċli, inkluż meta t-tbatija psikoloġika tkun għolja u tkun akkumulat trawma potenzjali.

Kif għew żviluppata dawn I-istruzzjonijiet?

Dan id-dokument jikkomplementa s-sett ta' kotba żgħar imsemmi hawn fuq, li għie żviluppata bl-appoġġ

ta' esperti mill-Belġju, mill-Ġermanja, mill-Greċja, min-Netherlands u mill-Iżvezja. Il-kotba żgħar għew ittestjati ma' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, medjaturi u refuġjati li prinċipalment jgħixu fil-Greċja u fin-Netherlands. Matul l-ittestjar, l-utenti indikaw ħtieġa għal struzzjonijiet biex jappoġġaw l-introduzzjoni tal-kotba żgħar.

Min għandu juża dawn I-istruzzjonijiet?

Filwaqt li l-kotba żgħar jistgħu jintużaw direttament minn applikanti ġenituri, tfal u tfal mhux akkumpanjati biex jappoġġaw lill-membri tal-familja u lill-pari tagħhom, dawn I-istruzzjonijiet huma mmirati lejn il-**professionisti**. Dawn huma maħsuba biex jappoġġaw lill-persunal tal-ewwel linja li jaħdem fl-akkoljenza bħall-assistenti soċjali, l-esperti fil-protezzjoni tat-tfal, il-professionisti tas-saħħa mentali, iżda anke l-għalliema eċċ. meta jinvolvu ruħhom mal-applikanti f'laqgħat individwali jew fi grupp. F'sitwazzjonijiet fejn japplika approċċ ibbażat fuq il-komunità, il-**mexxejja tal-komunità** wkoll jistgħu jużaw I-istruzzjonijiet biex joħolqu sensibilizzazzjoni dwar is-suġġetti koperti fil-kotba żgħar.

Dawn I-istruzzjonijiet kif jirrelataw ma' għodod oħrajn tal-EUAA?

Dan id-dokument u s-sett ta' għodod ta' awtoassistenza li jirreferi għalihom huma parti mill-isforzi tal-EUAA biex jiġu żviluppata l-għarfien u s-sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett tas-**saħħa u l-benesseri mentali** tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali. Aktar informazzjoni hija disponibbli fuq il-paġna tal-vulnerabbiltà tas-[sit web tal-EUAA](#).

Il-kotba żgħar u dawn I-istruzzjonijiet huma mxerrda wkoll fil-pjattaforma tal-EUAA [Let's Speak Asylum](#) li tiffoka speċifikament fuq l-**għoti ta' informazzjoni** lill-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-ħtieġa għal kjarifika jew feedback ieħor dwar is-sett ta' għodod ta' awtoassistenza u l-introduzzjoni tagħhom, jekk jogħġbok ikkuntattja lil vulnerablegroups@euaa.europa.eu.

Werrej

3

- > Kif tuża dawn I-istruzzjonijiet
- > Għan tal-kotba żgħar
- > Faċilitazzjoni

4

- > F'in, struttura u kontenut

9

- > Kunsiderazzjonijiet importanti oħrajn u salvagwardji bażiċi

Kif tuża dawn l-istruzzjonijiet

Il-kontenut, it-tfakkiriet u l-pariri kondiviżi fil-kotba żgħar jistgħu jiffunzjonaw bħala skattaturi biex wieħed jikkellem dwar kwistjoni speċifika f'sessjonijiet individwali jew fi grupp. Dawn l-istruzzjonijiet jippreżentaw ftit gwida bażika dwar kif jintużaw il-gwidi żgħar f'sitwazzjonijiet bħal dawn.

It-tliet kotba żgħar ikopru s-suġġett ta' tbatija psikoloġika, inkluż wara esperjenza ta' avvenimenti trawmatiċi, mill-perspettiva ta' tliet gruppi fil-mira differenti: il-ġenituri, it-tfal u l-aħwa/il-pari.

L-uffiċjali tal-ewwel linja jistgħu jużaw il-kotba żgħar u dawn l-istruzzjonijiet biex jorganizzaw sessjonijiet individwali jew fi grupp mal-komunità tal-applikant dwar is-suġġetti li ġejjin:

- il-paternità;
- it-tbatija psikoloġika jew it-trawma;
- kif jitnaqqas ir-riskju ta' mekkaniżmi negattivi ta' sopravivenza matul żminijiet diffiċli ħafna (eżempju mal-wasla);
- kif tinnota meta xi ħadd ma jkunx emozzjonalment tajjeb (eżempju sinjali ta' dipressjoni);
- kif tibqa' sikur meta xi ħadd juri mgħiba diffiċli (eżempju jibda jixrob l-alkoħol).

Għan tal-kotba żgħar

It-tliet kotba żgħar għandhom l-għan li jappoġġaw lill-ġenituri, lit-tfal u lill-pari li waslu fl-Ewropa u jaraw li l-imġiba tal-membri tal-familja jew tal-ħbieb tagħhom inbidlet b'mod konsiderevoli. Il-bidla tista' tidher b'modi differenti u ċerti persuni jistgħu jiġu affettwati aktar minn oħrajn. L-għodod jipprovdu pariri u tfakkiriet bażiċi dwar kif dawn il-persuni jistgħu jiġu appoġġati biex iħossuhom aħjar, u jissuġġerixxu meta jista' jkun hemm il-ħtieġa li jintalab appoġġ professjonali.

L-għodod jipprovaw irawmu **litteriżmu dwar is-saħħa mentali** bażiku u jwieġbu mistoqsijiet bħal "Kif nista' ninduna jekk xi ħadd qrib tiegħi għaddej minn tbatija?". Dawn għandhom l-għan ukoll li jsaħħu l-**effikaċja u r-reżiljenza** personali u kollettivi ta' daww involuti.

Dawn jiffunzjonaw bħala għodod ta' awtoassistenza u huma mfassla biex jintużaw mill-applikanti nfushom. Madankollu, jista' jkun hemm sitwazzjonijiet fejn l-applikanti jħossuhom aktar komdi li jgħaddu l-kontenut ma' oħrajn. Għalhekk, dawn jistgħu jiġu diskussi wkoll f'sessjonijiet individwali jew fi grupp iffaċilitati minn professjonist.

L-għodod jipprovaw ukoll jiġbdu l-attenzjoni għall-kunsiderazzjonijiet dwar il-**protezzjoni** u l-prinċipju **la tagħmilx ħsara**, b'mod partikolari meta jkunu involuti t-tfal. L-għan huwa li jiġi żgurat li t-tfal jiproteġu lilhom infushom qabel ma jiprovaw jappoġġaw lil oħrajn li inkella jistgħu jqiegħduhom f'sitwazzjoni potenzjalment perikoluża, vjolenti jew abbużiva.

Faċilitazzjoni



Faċilitaturi u interpretazzjoni fis-sessjonijiet fi gruppi

Meta l-kotba żgħar jintużaw biex **tinħoloq sensibilizzazzjoni** fil-kuntast tal-**laqgħat fi gruppi**, il-grupp ma għandux jaqbeż l-**10–15-il applikant** sabien ikunu jistgħu jsiru diskussjonijiet sinifikanti.

Huwa rrakkomandat li jkun hemm **faċilitatur ewlieni wieħed** li jiggwida d-diskussjoni u **kofacilitatur** li jibqa' aktar fl-isfond u jieħu n-noti. Il-kofacilitatur jimmonitorja wkoll id-dinamika tal-grupp (eżempju jekk jinqalgħu tensjoni jew emozzjonijiet oħrajn f'ċerti applikanti relatati ma' suġġett speċifiku), jinnota kwalunkwe osservazzjoni u jinnotifikaha lill-faċilitatur fejn meħtieġ.

Jekk ikun meħtieġ **interpretu**, il-grupp għandu jkun iżgħar u ma jaqbiżx l-**4-6 applikanti**. Dan minħabba li t-traduzzjoni tieħu ħin prezzjuż u, jekk l-għadd ta' persuni li jirrikjedu interpretazzjoni jkun ta' iktar minn 4-6, hemm riskju li l-ħin allokat għad-diskussjoni jista' ma jkunx biżżejjed.

Għal gruppi iżgħar appoġġati minn interpretu, jista' ma jkunx hemm bżonn ta' kofaċilitatur. Huwa f'idejn il-faċilitatur li jiddeċiedi min huwa meħtieġ biex jappoġġa l-proċess ma' kull grupp ta' applikanti. Bħala regola tad-deheb, kun ċert li l-faċilitatur, il-kofaċilitatur u l-interpretu ma jkunux aktar mill-parteciċipanti attwali.

L-interpreti għandhom jippreparaw għall-inkarigu billi jaqraw il-kotba żgħar minn qabel, biex jiżguraw li l-kontenut ikun ċar għalihom u biex jitgħallmu l-vokabolarju korrett. Huwa importanti li l-interpretu jiġi mfakkar biex jittraduċi litteralment dak li jingħad, mingħajr preġudizzju.

Il-faċilitaturi jeħtieġ li jkollhom ħliet fil-ħolqien ta' sensibillizzazzjoni fil-kuntest ta' gruppi. Meta jkunu involuti applikanti tfal, il-faċilitaturi għandu jkollhom ukoll fehim sod tal-protezzjoni tat-tfal u tas-salvagwardja tat-tfal.

➤ **Ħin, struttura u kontenut**



Ħin

Kemm il-laqgħat fi grupp kif ukoll dawk individwali għandhom jiġu skedati f'ħin meta l-parteciċipanti jistgħu jingħaqdu mingħajr problemi jew distrazzjonijiet (eżempju wara x-xogħol/l-iskola jew, għall-ġenituri, xħin it-tfal ikunu l-iskola). It-**tul ta' kull sessjoni** ma għandux jaqbeż is-sieġha u nofs. Wara dan, l-attenzjoni tonqos u l-parteciċipanti jistgħu jkunu okkupati b'attivajiet oħrajn.



Post

Il-post tal-laqgħat għandu jiġi diskuss mal-parteciċipanti. Idealment, il-post għandu jkun sikur, aċċessibbli faċilment inkluż għal dawk b'indebolimenti fiżiċi u jippermetti l-privatezza. Il-parteciċipanti u l-faċilitaturi jistgħu jpoġġu fuq is-siġġijiet f'forma ta' ċirku biex jiżguraw li kulħadd ikun jista' jara u jisma' lil xulxin faċilment. Meta l-grupp jinkludi ġenituri u tfal iżgħar, li joqogħdu bilqiegħda mal-art fuq tapit (jekk ikun xieraq kulturalment) tista' tkun alternattiva utli sabiex it-tfal ikunu jistgħu jdur u jilagħbu qrib il-ġenitur(i) tagħhom mingħajr ma jtellfu s-sessjoni.



Kompożizzjoni tal-grupp u laqgħat tal-grupp

Meta jiffurmaw il-**grupp**, il-faċilitaturi għandhom jikkunsidraw fatturi bħal-lingwi mitkellma, il-ġeneru, l-età kif ukoll l-isfond kulturali u reliġjuż tal-parteciċipanti. Meta jiġu organizzati laqgħat għall-ġenituri, għandu jiġi vvalutat ukoll jekk iż-żewġ ġenituri għandhomx jingħaqdu fl-istess sessjoni, jew jekk ikunx aħjar li jiġu sseparati. L-għan huwa li jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn approċċi potenzjalment differenti għall-paternità jistgħu jwasslu għal ġlied li jista' jkompli jeskala s-sitwazzjoni fid-dar u jipperikola l-benesseri tat-tfal.

Il-laqgħat fi gruppi huma format utli biex l-applikanti jingħaqdu flimkien u jaqsmu mhux biss l-isfidi li jiffaċċjaw iżda anke t-tamiet, l-informazzjoni rilevanti jew sempliċità jieħdu gost u jaljenaw mill-ħajja ta' kuljum fiċ-ċentru tal-akkoljenza. Il-benefiċċju li jkun hemm faċilitatur li jmexxi dawn il-laqgħat huwa li l-parteciċipanti jiġu ssalvagwardjati: pereżempju, meta l-grupp jiddiskuti suġġett diffiċli u l-uffiċjali tal-ewwel linja jeħtieġ li jintervjenu. Il-laqgħat fi gruppi jipprovdu wkoll opportunità għall-faċilitaturi biex jidentifikaw applikanti b'vulnerabbiltà potenzjalment b'diversi livelli li jistgħu jeħtieġu segwitu.

Il-laqgħat fi gruppi huma mod tajjeb kif wieħed jista' jelabora b'mod konġunt dwar ċerti suġġetti u jirrealizza li "ma huwiex waħdu". Dawn jipprovdu pjattaforma għall-applikanti biex jaqsmu l-għarfien tagħhom u jitgħallmu minn xulxin. Dan jista' jaġhti s-setgħa fuq ħafna livelli. Laqgħat bħal dawn jistgħu jappoġġaw ukoll il-ħolqien ta' ħbiberiji u konnessjonijiet ġodda ma' applikanti oħrajn u idealment iwasslu għall-ħolqien ta' networks ta' appoġġ soċjali.

Kull meta jinstab li s-sessjonijiet fi grupp ikunu l-aħjar format, huwa importanti li jiġi żgurat li, fil-bidu tas-sessjonijiet fi grupp, il-parteciċipanti jaqblu fuq ir-**regoli tal-grupp** tagħhom stess. Ir-regoli se jiġu fformulati darba u jkunu applikabbli fi kwalunkwe ħin li l-grupp jiltaqa' (darba biss jew għal aktar sessjonijiet fi grupp).



Eżempju ta' regoli tal-grupp

- ✓ Irrispettaw lil xulxin.
- ✓ Ippermettu lil kulħadd jitkellem iżda ppermettu wkoll lill-parteċipanti li jisimgħu biss.
- ✓ Ma hemmx opinjonijiet ħżiena, tajbin jew aktar importanti. [L-unika eċċezzjoni hija jekk xi ħadd jirrakkomanda kastig korporali. F'dan il-każ, il-faċilitatur għandu jintervjeni u jispjega, b'mod sensitiv, li l-ebda forma ta' vjolenza ma hija qatt aċċettabbli.]
- ✓ Kulħadd jista' jesprimi l-ħsbijiet tiegħu liberament.
- ✓ Il-parteċipanti ma jistgħux jidħlu u joħorġu mis-sessjonijiet xħin iridu.
- ✓ L-ebda telefonata ma tista' ssir matul il-laqqgħa.
- ✓ Il-mobiles ikunu silenzjużi.
- ✓ **Kunfidenzjalità:** is-suġġetti ġenerali koperti fil-kotba żgħar jistgħu jiġu kondiviżi ma' membri oħrajn tal-komunità. Iżda l-kwistjonijiet personali kondiviżi mill-parteċipanti għandhom jibqgħu fil-grupp.
- ✓ Il-laqqgħat fi gruppi għandhom ikunu spazju sikur fejn jiġu kondiviżi l-ħsbijiet u t-ħassib.

In-nuqqas potenzjali ta' kunfidenzjalità huwa **limitazzjoni tal-laqqgħat fi gruppi**. Il-parteċipanti jistgħu "jinsew" ir-regoli tal-grupp, inkluż il-prinċipju tal-kunfidenzjalità. Għalhekk, il-faċilitatur għandhom ifakkru lill-membri tal-grupp biex ma jaqsmux esperjenzi personali ħafna minħabba li l-laqqgħat fi gruppi ma humiex sessjoni ta' konsulenza. Suġġetti importanti/personali ħafna jistgħu jiġu indirizzati wara l-laqqgħa mal-faċilitatur. Filwaqt li l-laqqgħat fi gruppi għandhom jitqiesu bħala spazji "sikuri" biex wieħed jitgħallem u jikkondividi, wieħed qatt ma jista' jiżgura li l-informazzjoni diskussa ma tiġix żvelata lil membri oħrajn tal-komunità, u dan jinvolve riskju.

F'ċerti każijiet, jista' jkun utli li jkun hemm sessjonijiet tal-familja privati li jlaqqgħu flimkien ġenitur u wild li jħossuhom affettwati minn tbatija emozzjonali u l-modi differenti ta' kif wieħed ilaħħaq. F'dan il-każ, assistent soċjali jew professjonist tas-saħħa mentali għandu jiffaċilita s-sessjoni. Madankollu, din l-istruttura għandha tinkiseb f'fażijiet, forsi billi l-ewwel tibda b'sessjonijiet individwali u mbagħad tlaqqa' flimkien il-parteċipanti, skont il-kuntest u l-isfidi ffaċċjati.



Kontenut

Il-kotba żgħar jippreżentaw **sinjali bażiċi** u xi **reazzjonijiet komuni** li wieħed jista' jinnota meta tifel jew tifla, żagħżuġh jew żagħżuġha, ħbieb, aħwa jew ġenitur potenzjalment għaddejjin minn tbatija. Is-suġġetti elenkati fl-għodod ikopru firxa ta' sitwazzjonijiet potenzjali ta' tbatija kif ukoll pariri u tfakkiriet dwar kif wieħed għandu jirrispondi. Mhux l-applikanti kollha se jsibu l-oqsma kollha ta' interess ugwali u l-kontenut kopert ma huwiex eżawrjenti. Għalhekk, il-faċilitaturi huma mħeġġa jistiednu lill-applikanti biex jagħmlu l-eżempji u s-suġġerimenti tagħhom stess dwar x'jista' jkun ta' għajna jew le.

B'mod ġenerali, id-diskussjoni fi grupp għandha tkopri kontenut li huwa utli għal dawk li jipparteċipaw. Għalhekk, il-**parteċipanti** se **jagħżlu, jiggwidaw** u sa ċertu punt **jidderieġu x'se tkopri sessjoni**.

Is-sessjonijiet għandhom l-għan li jipprovdnu lill-parteċipanti b'għodod biex jappoġġaw lill-membri tal-familja u lill-ħbieb tagħhom biex iħossuhom aħjar. Fil-każ tat-tfal, il-messaġġ ewlieni li għandu jitwassal huwa li t-tfal jeħtieġ li jipprijoritizzaw is-sikurezza tagħhom stess.



Kif taqsam il-kontenut

Skont il-kompożizzjoni tal-grupp u l-ħtiġijiet tal-parteċipanti, tista' **taqsam il-kontenut** tal-kotba żgħar b'modi differenti. Sib hawn taħt għażliet possibbli.

- Ipprovi verżjoni stampata tal-għodda lil kull parteċipant, biex il-grupp jaqraha flimkien.
- Jekk possibbli, ipproġetta l-kontenut fuq ħajt u aqrawh flimkien b'mod li jinstema' bil-lingwa tal-parteċipanti (uża l-verżjoni tradotta u l-apoġġ ta' interpretu jekk ikun meħtieġ). Bħala faċilitatur, se jkollok bżonn tirreferi għall-verżjoni fil-lingwa tal-Istat Membru tiegħek.
- Agħżel minn qabel għadd ta' paġni, stampahom bħala posters u poġġihom fuq il-ħitan tal-kamra tal-laqqgħat. Il-parteċipanti jistgħu jimxu tul il-posters u jiddiskutu f'pari/gruppi iżgħar dak li jaraw, jaqraw, jifhmu, kif ukoll kwalunkwe punt addizzjonali li jixtiequ jżidu. Id-diskussjoni mbagħad se tkompli fil-grupp akbar.
- Stampa s-sinjali, it-tfakkiriet u l-pariri fuq il-kards tal-memorja u poġġihom wiċċhom 'l isfel fin-nofs tal-grupp ta' parteċipanti. Il-parteċipanti jagħżlu l-kards, jaqrawhom jgħajtu (jew jaqrahom il-faċilitatur/l-interpretu), jirriflettu u jiddiskutu fil-grupp.



Kif tiddiskuti l-kontenut mal-parteċipanti

Biex ikun hemm diskussjoni sinifikanti, huwa importanti li jiġi żgurat li d-differenzi fl-età, fil-ġeneru u fil-kultura jiġu enfasizzati.

Is-suġġerimenti addizzjonali dwar kif il-ġenituri u t-fal normalment jagħrfu li xi ħadd ma jkun qed iħossu tajjeb, kif jirreaġixxu u lil min jikkuntattjaw jistgħu jiġu diskussi matul is-sessjonijiet ta' segwitu (individwali jew fi grupp). Biex jiġi żgurat **approċċ sensitiv għall-kultura, l-età u l-ġeneru**, huwa rrakkomandat li jiġu raggruppati s-suġġerimenti bbażati fuq il-post ta' oriġini, il-ġeneru, l-isfond reliġjuż u l-età tal-applikanti.

Jekk il-parteċipanti ma jesprimu l-ebda preferenza fuq liema mill-oqsma għandhom jiġu koperti mill-kotba żgħar, tista' tipproċedi kif ġej:

- ipproċedi **bis-sinjali u r-reazzjonijiet u s-suġġerimenti** u kopri qasam wieħed f'kull sessjoni; jew
- **iġbor flimkien il-kontenut** u kopri żewġ jew tliet oqsma f'kull sessjoni; jew
- kopri l-għodda kollha **f'daqqa** (il-faċilitatur jaqra l-ktejjeb flimkien mal-parteċipanti u jwieġeb mistoqsijiet biss meta jinqalgħu).

Tista' tagħżel kwalunkwe waħda mill-għażliet ta' hawn fuq, skont id-dinamika tal-grupp, il-fehim u l-ħtiġijiet tal-parteċipanti.



Nota għall-faċilitatur

Fit-taqsimha li ġejja se ssib suġġerimenti dwar kif tiffaċilita l-laqqgħat fi gruppi u dwar kif tinvolvi ruħek mal-applikanti meta tiddiskuti kull wieħed mill-kotba żgħar.

Kif nista' nappoġġa lit-tfal tiegħi fi żminijiet diffiċli?

L-iffaċilitar ta' laqgħa mal-ġenituri biex jiġu diskussi l-imġiba u l-benesseri tat-tfal żgħar/adolessenti tagħhom

Eżerċizzju ta' introduzzjoni

Ipprova ibda b'eżerċizzju żgħir u staqsi lill-parteċipanti x'inhuma l-passatempj tagħhom

u x'inhu l-ikel favorit tagħhom. Agħlaq b'mistoqsija dwar minn fejn huma. Il-parteċipanti jaqsmu fil-qosor it-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet mal-oħrajn. Dan jista' jiġi organizzat b'mod ta' loġħob u m'għandux jieħu aktar minn 10 minuti. Il-mistoqsija tal-għeluq "Minn fejn inti?" tgħin lill-faċilitatur jimxi 'l quddiem.

Il-faċilitatur jindika l-pajjiżi, ir-reġjuni u l-bliet ta' oriġini differenti tal-parteċipanti u jindika li, bħala riżultat ta' din id-diversità, jista' jkun hemm ukoll differenzi fil-mod kif ninnotaw li xi ħadd ma huwiex qed iħossu tajjeb u x'nistgħu nagħmlu biex nappoġġaw. Il-faċilitatur jistaqsi:

- Minn fejn inti, in-nies kif normalment jirrealizzaw meta xi ħadd fil-familja ma jkunx qed iħossu tajjeb?

- X'jagħmlu l-ġenituri normalment meta jaraw lill uliedhom inkwetati?
- X'jagħmlu normalment il-ġenituri biex iġegħluhom iħossuhom aħjar meta jkunu mdejquin jew inkwetati? X'ħadem għalik?
- Hemm xi mekkaniżmi ta' appoġġ stabbiliti fejn qed tgħix bħalissa li jistgħu jkunu utli?

Bħala faċilitatur, ara jekk il-membri tal-grupp jistgħux isemmu kwalunkwe servizz ta' appoġġ formali (eżempju assistenti soċjali, infermiera) disponibbli fiċ-ċentru u potenzjalment ta' benefiċċju għall-membri kollha tal-grupp. Tista' tiċċekkja wkoll id-disponibbiltà ta' appoġġ informali, eżempju anzjani li jiltaqgħu maż-żgħażaġh u li jgħinu lill-ġenituri fit-trobbija tat-tfal, mexxejja reliġjużi, membri oħrajn tal-komunità eċċ.



Iż-żewġ kotba żgħar li ġejjin għandhom fil-mira tagħhom tfal ta' bejn it-12 u s-17-il sena iżda jistgħu jintużaw ukoll ma' adulti żgħażaġh. Jekk il-grupp ta' parteċipanti jkun magħmul minn tfal taħt it-12-il sena, il-faċilitaturi se jkollhom bżonn jaġġustaw il-lingwa għall-età tal-parteċipanti. Jeħtieġ ukoll li jiżguraw l-aħjar interessi tat-tfal f'termini ta' x'jista'/x'għandu jiġi kondiviż u diskuss, filwaqt li jitqiesu l-età u l-istadju

tal-iżvilupp tat-tfal. Dawn l-elementi se jinfluwxu wkoll il-format li għandu jintuża. Pereżempju, il-qari tal-kontenut jista' ma jaħdimx ma' tfal żgħar. Mhux rakkomandat li jiġi diskuss il-kontenut tal-kotba żgħar ma' tfal ta' taħt it-tmien snin. Fi kwalunkwe każ, il-persunal involut ma' tfal iżgħar jeħtieġ li jkollu l-ħiliet rilevanti.

Kif nista' nindirizza sitwazzjonijiet li fihom il-ġenituri** tiegħi jidhru mdejġin, inkwetati jew irrabjati?**

Faċilitazzjoni ta' laqgħa mat-tfal biex tiġi diskussa l-imġiba jew il-benesseri tal-ġenituri tagħhom

Eżerċizzju ta' introduzzjoni

Ipprova ibda b'eżerċizzju żgħir u staqsi lill-parteċipanti x'inhuma l-passatempji tagħhom u x'inhu l-ikel favorit tagħhom. Agħlaq

b'mistoqsija dwar minn fejn huma. Il-parteċipanti jaqsmu fil-qosor it-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet mal-oħrajn. Dan jista' jiġi organizzat b'mod ta' loġhob u m'għandux jieħu aktar minn 10 minuti. Il-mistoqsija tal-għeluq "Minn fejn inti?" tgħin lill-faċilitatur jimxi 'l quddiem.

Il-faċilitatur jindika l-pajjiżi, ir-reġjuni u l-bliet ta' oriġini differenti tal-parteċipanti u jindika li, bħala riżultat ta' din id-diversità, jista' jkun hemm ukoll differenzi fil-mod kif ninnotaw li xi ħadd ma huwiex iħossu tajjeb u x'nistgħu nagħmlu biex nibqgħu sikuri u nappoġġaw. Il-faċilitatur jistaqsi:

- Kif tirrealizza li adult ma huwiex qed iħossu tajjeb u jista' jkollu bżonn l-ghajjnuna?
- Meta adult ma jkunx qed iħossu tajjeb, kif iġib ruħu? X'jagħmlu differenti mis-soltu?

leqaf u ara x'ġie kondiviż mill-grupp ta' żgħażaġh. Kompli billi tgħid:

- Inti qsamt xi eżempji, bħal "iġibu ruħhom b'modi strambi, jaġixxu b'mod differenti minn dak tas-soltu eċċ." [il-faċilitatur jirreferi għall-eżempji magħmula mill-parteċipanti]. Tista' taħseb dwar affarijiet li l-adulti jistgħu jagħmlu li t-tfal għandhom joqogħdu attenti għalihom biex jiżguraw li jibqgħu sikuri?

Il-faċilitatur jisma' b'attenzjoni liż-żgħażaġh u jieħu nota ta' x'jaqsmu. Il-faċilitatur jipprova jorbot b'attenzjoni dak li ġie kondiviż b'mod ġenerali dwar l-adulti mal-imġiba tal-ġenituri anke billi juża eżempji mill-kotba żgħar. Huwa importanti li **ma ssirx** referenza għall-ġenituri tat-tfal preżenti fil-grupp. It-tfal ma jeħtiġilhomx iħossu li s-sitwazzjoni personali tagħhom hija diskussa pubblikament. Il-faċilitatur jista' jgħid, pereżempju:

- Qsamt ħafna. Xi drabi anke l-ġenituri jistgħu jaġixxu b'dawn il-modi.

Il-faċilitatur jagħmel referenza għas-sinjali ta' dipressjoni, eżempju meta persuna ma tkun interessata tinvolvi ruħha f'ebda attività, ma tiħux ħsieb tat-tfal bħal qabel. Dan għandu jwassal għal diskussjoni dwar il-fatt li esperjenzi diffiċli jistgħu jwasslu lil persuna biex taġixxi b'mod differenti. Pereżempju, għal xi żmien ġenitur jista' joqgħod aktar lura u jkun aktar

irritat, impazjenti u anzjuż. Dan huwa normali u s-sitwazzjoni għandha terġa' tinbidel.

Huwa importanti li jiġi nnotat li l-vjolenza (fiżika, verbali, psikoloġika jew saħansitra sesswali) kontra t-tfal **qatt** ma tista' tiġi skużata. Ma huwiex aċċettabbli li ġenitur isir vjolenti. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat għall-parteċipanti żgħażaġh li filwaqt li huwa normali li ġenitur jista' ma jkunx dejjem edukat, ġentili u rispettuż, forsi minħabba ċ-ċirkostanzi diffiċli, il-vjolenza ma hijiex aċċettabbli.

Bħala faċilitatur, kun żgur li l-parteċipanti jkunu konxji tal-importanza li jibqgħu sikuri. Għal dan il-għan, irrimarka dwar is-servizzi ta' appoġġ disponibbli fil-faċilità ta' akkomodazzjoni għat-tfal li jgħixu ma' ġenitur/indokatur li huwa aggressiv jew mhux iħossu tajjeb.

Ipprova ara li t-tfal jaqsmu **informazzjoni utli** fi ħdan il-grupp dwar kif jibqgħu sikuri. Dawn jistgħu jsemmu individwi (eżempju gwardjani), istituzzjonijiet, linji ta' għajjnuna eċċ. li jistgħu jikkuntattjaw għall-appoġġ. Madankollu, **oqgħod attent u staqsi mistoqsijiet dwar il-mekkaniżmi ta' appoġġ stabbiliti biss jekk tkun ċert li hemm appoġġ disponibbli**. Jekk taf li t-tfal se jkunu waħedhom, ipprova ara kif l-**appoġġ komunitarju** jista' jiġi organizzat biex jgħin f'sitwazzjonijiet diffiċli.

Huwa importanti li t-tfal ma jaqsmux l-esperjenzi personali tagħhom. **Laqgħa fi grupp ma hijiex sessjoni ta' konsulenza**. Hija diskussjoni ġenerali dwar sinjali ta' tbatija f'persuni li huma qrib tagħhom. Jekk il-faċilitatur jinnota l-ħtieġa għal taħdita aktar fil-fond minħabba implikazzjonijiet personali, it-tfal/il-membri tal-grupp jiġu informati li jistgħu jikkuntattjaw lill-faċilitatur(i) biex jaqsmu t-tħassib personali tagħhom **wara** l-laqgħa.



Kif tittratta sitwazzjonijiet meta l-ħabib jew xi ħadd minn ħuti jkunu mdejgin, irrabjati jew jagħmlu affarijiet perikolużi?

➤ L-iffaċilitar ta' laqgħa mat-tfal biex jiddiskutu l-imġiba jew il-benesseri tal-ħbieb/aħwa tagħhom

Eżerċizzju ta' introduzzjoni

Ipprova ibda b'eżerċizzju żgħir u staqsi lill-parteċipanti minn fejn huma,

x'inhuma l-passatemp tagħhom, x'inhu l-ikel favorit tagħhom eċċ. Il-parteċipanti jaqsmu fil-qosor. Dan jista' jiġi organizzat b'mod ta' logħob u m'għandux jieħu aktar minn 10 minuti. Imbagħad, indika li lkoll għandna esperjenzi differenti, iżda lkoll kemm aħna nistgħu nindunaw meta xi ħadd mhux iħossu tajjeb. Stieden lit-tfal jagħtu eżempji, mingħajr ma twassalhom jaqsmu stejjer personali. Tista' tistaqsi:

- Kif tista' tinduna li ħabib jew ħutek ma humiex iħossuhom tajjeb?

Bħala faċilitatur, ipprova ħeġġeġ lit-tfal jitkellmu dwar x'jistgħu jaraw f'termini ta' mġiba iżda anke dwar x'jistgħu jjsingħu: eżempju jekk ħabib/aħwa biddlu l-mod kif jitkellmu (jużaw kliem ħażin, jitkellmu b'mod

aggressiv) jew bdew jitkellmu dwar suġġetti bħal gangs, drogi jew affarijiet simili.

Iddiskuti maż-żgħażaġħ dwar l-importanza li wieħed ikun leali lejn ħabib, diment li dan ma jpoġġi s-sikurezza ta' ħadd f'riskju. Irrimarka li huwa importanti li wieħed jinduna meta ħabib/aħwa jkunu fil-periklu. F'dan il-każ, jista' jkun tajjeb li persuna tikkuntattja lil adult ta' fiduċja għal parir.

Bħala faċilitatur, ipprepara ruħek dwar il-modi negattivi komuni ta' ġestjoni adottati miż-żgħażaġħ fil-kuntest ta' fejn taħdem. Isma' b'attenzjoni l-grupp u ara liema informazzjoni addizzjonali tista' tipprovdi lill-membri tal-grupp. Skont dak li qed jiġi diskuss, jaf tkun trid taqsam offerti ta' appoġġ marbuta mas-saħħa, l-ippjanar tal-familja, is-servizzi psikosoċjali, l-edukazzjoni, il-klabbs tax-xogħol għad-dar, l-attivitajiet sportivi, il-mużika/l-arti/l-attivitajiet kulturali għat-tfal/għaż-żgħażaġħ, is-servizzi ta' riabilitazzjoni (inkluż f'dak li għandu x'jaqsam mal-użu tad-droga).



Laqgħa ta' grupp ma hijiex sessjoni ta' konsulenza. Għalhekk, l-esperjenzi personali għandhom jiġu diskussi mal-persuna kkonċernata **wara** li tintemm il-laqgħa tal-grupp. **Is-sikurezza u l-protezzjoni tat-tfal/taż-żgħażaġħ huma t-tħassib ewlieni.** Kun żgur li tirreferi każijiet speċifiċi (applikanti li jeħtieġu appoġġ) lill-fornitur tas-servizz rilevanti jekk disponibbli. Ftakar tiddiskuti dawn l-għażliet mat-tfal **biss** jekk is-servizzi jkunu tabilħaqq disponibbli.

Matul is-sessjonijiet fi gruppi, il-faċilitaturi se jkollhom bżonn jirrikonoxxu l-kontributi offruti mill-applikanti u jintegrawhom b'mod flessibbli fid-diskussjoni. Jekk l-eżempji mogħtija direttament mill-parteċipanti jkunu

aktar effettivi biex jagħtu bidu għal konverżazzjoni sinifikanti, huwa l-aħjar li dawn jintużaw minflok ma ssir referenza speċifikament għall-kotba żgħar.

Kunsiderazzjonijiet importanti oħrajn u salvagwardji bażiċi

- Il-parteċipanti jiġu infurmati dwar l-iskop tal-laqgħa(t) individwali jew fi gruppi. Iż-żmien jiġi miftiehem b'mod konġunt u l-parteċipazzjoni hija volontarja.
 - Meta t-tfal ikunu parti minn laqgħat fi gruppi, l-indokatur tagħhom jiġi informat u jaqbel.
 - Il-parteċipanti kollha jingħataw l-istess spazju biex jaqsmu l-ħsiebijiet tagħhom, iżda ħadd ma jiġi mbuttat jew imġiegħel biex jieħu sehem attiv fid-diskussjoni. Id-diskussjonijiet tal-grupp għandhom ikunu b-bilanċjati u ma għandhomx ikunu d-dominanti minn membru wieħed tal-grupp jew minn ġeneru wieħed biss.
 - Filwaqt li f'xi kuntesti jista' jkun utli li jkun hemm gruppi mħallta (eżempju ż-żewġ ġenituri li jingħaqdu fl-istess laqgħa fi grupp jew li jkun hemm grupp imħallat ta' adolexxenti), ġeneralment huwa aktar xieraq u sikur li jkun hemm gruppi omoġenji. Dan japplika b'mod partikolari meta t-trobbija tal-ulied jew ir-rwoli tal-ġeneri jiġu diskussi bħala parti minn pakkett ta' appoġġ usa' għall-ġenituri. Għalhekk, il-faċilitatur għandu janalizza s-sitwazzjoni bir-reqqa qabel ma jiddeċiedi li l-koppji jipparteċipaw flimkien fl-istess sessjoni. Għandu jiġi żgurat approċċ ta' "la tagħmilx ħsara" għal dawk kollha involuti.
 - Il-kontributi ma humiex diskussi f'termini ta' "ħażin jew tajjeb". Il-kuntest tal-grupp għandu jitqies bħala pjattaforma ta' apprendiment konġunt dwar dak li jaħdem tajjeb jew anqas tajjeb. Eċċezzjoni hija meta l-kastig korporali tat-tfal jew forom oħrajn ta' vjolenza jiġu promossi minn ċerti membri tal-grupp biex "jirranġaw" tfal jew ħabib. Jekk dan iseħħ, il-faċilitatur għandu jintervjeni b'mod sensitiv u jippromwovi alternattivi għal dan il-kastig. Il-faċilitaturi jeħtieġ li jkunu konxji li f'xi pajjiżi ta' oriġini tal-applikanti, il-kastig fiżiku jista' jkun għadu legali, inkluż fl-iskejjel. Filwaqt li għandu jiġi promoss approċċ ta' **tolleranza zero għall-vjolenza**, dan jeħtieġ li jsir b'**mod sensitiv**. Meta tiddiskuti mal-ġenituri, iffoka fuq iż-żamma tad-djalogu miftuħ u fuq id-diskussjoni ta' ħiliet ta' "ġenituri tajbin".
- L-għan huwa li jiġi żgurat li t-tfal ikunu sikuri. Għal dan l-għan, jista' jkollok bżonn tiddiskuti x'inhu aċċettabbli fil-kuntest tal-UE.
- Il-**fokus** tad-diskussjonijiet għandu dejjem ikun fuq **dak li jgħin** lill-parteċipanti biex jagħmlu lil uliedhom, lilhom infushom, lill-membri tal-familja jew lill-ħbieb tagħhom iħossuhom aktar sikuri u aħjar. Jekk l-eżempji pprovduti fl-għodod ikunu utli għall-parteċipanti, dawn jistgħu jintużaw għal skopijiet ta' diskussjoni. Jekk l-eżempji magħmula mill-grupp ikunu aktar utli għad-diskussjoni, huwa assolutament tajjeb li jintużaw.
 - Jekk parteċipant ikun fi tbatija serja fil-ħin tas-sessjoni, huwa għandu jirċievi attenzjoni immedjata minn persunal ta' appoġġ speċjalizzat u għandu jiġi appoġġat individwalment. F'dan il-każ, il-kontenut tal-kotba żgħar jista' jiġi kondiviż matul sessjoni individwali meta jitqies utli. Il-faċilitaturi għandhom jevitaw li jiddiskutu kwistjonijiet personali ħafna marbuta ma' kriżi tal-familja f'ambjent ta' grupp. Dan biex jiġu protetti l-ġenitur, it-tfal jew il-ħabib inkwistjoni u biex jiġi żgurat li l-problemi tagħhom ma jiġux żvelati aktar lill-komunità.
 - Meta l-interpreti jkunu parti mill-komunità tal-applikanti, il-faċilitaturi se jkollhom iżommu f'moħħhom li jistgħu jiffaċċjaw sfidi simili bħall-bqija tal-membri tal-grupp. Huwa rrakkomandat li tingħata informazzjoni lill-interpretu wara s-sessjonijiet.
 - Kemm il-faċilitatur kif ukoll il-kofacilitatur għandhom jinnotaw il-punti ta' diskussjoni biex isegwu mal-applikanti fil-bżonn u/jew it-tfal, l-aħwa u l-ħbieb tagħhom.
 - F'sitwazzjonijiet kritiċi (eżempju attentat ta' suwiċidju), l-informazzjoni għandha tiġi kondiviża ma' kollegi oħrajn filwaqt li tiġi żgurata l-kunfidenzjalità tal-applikant. Fejn meħtieġ, il-kunsens tal-membri tal-familja jew tal-persuni li jindukraw jista' jkun meħtieġ biex jippermetti l-appoġġ effettiv u sikur ta' dawk kollha involuti.

La l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA) u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha ma hija responsabbli mill-użu li jista' jsir mit-tagħrif li ġej.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024

PDF ISBN 978-92-9410-310-9 doi:10.2847/608 BZ-09-23-324-MT-N

© l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil (EUAA), 2024

Illustrazzjoni tal-qoxra: ©Mary Long/stock.adobe.com; ©KeronnArt/stock.adobe.com; ©The img/stock.adobe.com; ©Good Studio/stock.adobe.com; ©Natalia/stock.adobe.com, paġna 3 sa 6: ikoni © Panuwat/stock.adobe.com, paġna 5: ©iStock.com/vasabii, paġna 6: ©Mary Long/stock.adobe.com; ©KeronnArt/stock.adobe.com, paġna 7: ©The img/stock.adobe.com, paġna 8: ©Good Studio/stock.adobe.com; ©Natalia/stock.adobe.com.

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissema s-sors oriġinali. Għal kull użu jew riproduzzjoni ta' ritratti jew materjal ieħor li mhuwiex taħt id-drittijiet tal-awtur tal-Uffiċċju EUAA, għandu jintalab permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet.



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

